# DIPARTIMENT TAD-DWANA
# RAPPORT ANNWALI 2019

## 1. Introduzzjoni

Matul l-2019, id-Dipartiment tad-Dwana kompla jieħu diversi inizjattivi biex itejjeb l-effiċjenza u l-effettività, u dan fil-qafas ta' dak li qed iseħħ bħalissa fis-servizz pubbliku, f'linja mal-oġġettivi għat-tiġdid tas-servizz, kif ukoll f'konformita' mal-programm tal-Gvern.

Id-Dipartiment tad-Dwana kompla wkoll bil-missjoni ewlenija tiegħu li:

- jiffaċilita l-kummerċ ġust billi inaqqas il-piżijiet u l-burokrazija minn fuq l-operaturi ekonomiċi li josservaw il-proċeduri tad-dwana, u jżid miżuri effettivi ta' infurzar kontra operaturi li ma josservawx il-proċeduri;
- jipproteġi s-saħħa u s-sigurtà taċ-ċittadini tagħna billi tkun jevitata l-importazzjoni ta' sustanzi illeċiti u oġġetti oħra projbiti;
- jtejjeb l-metodi tal-ġbir tat-taxxi tad-dwana u tas-sisa u l-prevenzjoni ta' frodi possibli; u
- jipproteġi l-interess ekonomiku ta' Malta, u tal-Unjoni Ewropeja, bil-prevenzjoni tad-dħul illegali f'Malta u fl-Unjoni ta' prodotti kontrafatti.

Konkretament, dan issarraf f'servizz aħjar lill-klijenti, żieda fid-dħul tal-Gvern u tisħiħ fuq ir-*records* miksuba fis-sena ta' qabel billi reġa' ġie rreġistrat:

- *tkabbir record* fl-erarju tal-Gvern;
- *record* ta' qbid ta' droga;
- *record* ta' qbid ta' oġġetti kontrafatti;
- *record* ta' qbid ta' sigaretti tal-kuntrabandu; u
- *record* ta' qbid ta' flus mhux iddikjarati.

B'rabta ma' dan kollu, id-Dipartiment tad-Dwana :

- irrekluta numru ta' uffiċċjali ġodda;
- beda joffri s-servizzi tiegħu fil-*Businessfirst*;
- introduċa sistema ta' pagamenti *on line* biex jitnaqqas l-iskariġġ tal-operaturi ekonomiċi;
- kompla jimplimentata l-*Business Strategy* 2017 - 2019 u twettqu l-miżuri kontemplati;
- fassal il-*Business Strategy* għas-snin 2020 - 2022;
- fassal *draft* tal-*Corporate Social Responsibily policy* tad-Dipartiment;
- fassal *draft* tal-*Quality Service Charter* tad-Dipartiment;
- wettaq eżerċizzju ta' *skills profiling* fost l-impjegati kollha;
- introduċa, bil-kollaborazzjoni tal-MFIN, skema ta' benefiċċji għall-ħaddiema għal aċċidenti personali fuq ix-xogħol;
- beda jwettaq eżerċizzju ta' Reviżjoni tal-Operat tad-Dwana b'kollaborazzjoni mal-MEU;
- organizza *Attitude Survey* fost l-impjegati tad-Dwana u *Customer Satisfaction Survey* fost l-operaturi ekonomiċi;
- organizza erba' *Focus Groups* fuq erba' temi differenti;
- ippubblika *Training Prospectus* għall-ewwel darba;
- żamm 50 laqgħa tal-*Legal Framework Review Board* fejn ġew diskussi diversi emendi għall-qafas legali tad-Dwana;
- kompla bil-proġett ta' bini ta' *Canine Compound* ġdid f'Ħal Far għall-iskwadra tal-klieb;
- kompla bil-proġett ta' bini ta' uffiċċji ġodda f'Xatt il-Laboratorju, f'Kordin;

- beda l-proġett ta' tisbiħ tal-uffiċini f'*Annex A,* fil-Belt;
- beda jaħdem fuq il-proġett ta' *Scanning Facility* fil-Port il-Kbir;
- organizza *Open Day* fid-Dwana;
- ikkordina ż-żjara f'Malta ta' Dr Kunio Mikuriya, Segretarju Ġenerali tal-*World Customs Organisation,* u l-laqgħat li kellu mal-Prim Ministru u l-Ministru għall-Finanzi;
- żamm laqgħa f'Malta dwar il-prepramenti tad-Dwana għal BREXIT ma' Michel Barnier, in-negozjatur ewlieni tal-UE dwar BREXIT;
- kompla bit-tisħiħ tal-iskwadra ġdida kontra l-ħasil ta' flus;
- kompla jirristruttura u jsaħħaħ is-servizz ta' intelliġenza;
- ħareġ sejħa għall-offerti għal xiri ta' *luggage xray van;*
- introduċa sistema ta' *track and trace* fuq prodotti tat-tabakk;
- kompla bix-xogħol relatat, u l-konsultazzjonijiet meħtieġa, dwar l-effetti ta' BREXIT;
- kompla jiġi rilokat aktar xogħol *back office* f'Għawdex biex impjegati Għawdxin tad-Dwana kompla jinstabilhom xogħol f'Għawdex stess;
- kompla jħaddem sistema flessibli li permezz tagħha fin-nofs ta' nhari tas-Sajf, filwaqt li l-impjegati jaħdmu l-istess siegħat imqassma fuq ġranet iqsar, id-Dipartiment ikun jista' joffri servizz aħjar lill-klijenti f'ħinijiet itwal f'dan iż-żmien tas-sena; u
- kompla jħaddem arranġamenti biex sezzjonijiet differenti mid-Direttorat tal-Osservanza u Sistemi u mid-Direttorat tas-Sisa jagħtu servizz f'ħinijiet estiżi, matul is-sena kollha, inkluż waqt il-ħin tal-brejk u matul in-nofs ta' nhar ta' filgħodu nhar ta' Sibt.

## 2. Direttorat Amministrazzjoni (*Administration*)

Id-Direttorat tal-Amministrazzjoni jinkorpora fih 11-il uffiċċju: l-*HR Section; Accounts Section; Procurement & Stores; Cash Office; Registry Services; Customs Debt Unit*, *Taric & Quotas Office; Archives & Records' Maintenance Section; Healt & Safety* u *Messengers Pool*.

### *2.1 Riżorsi Umani*

Fl-2019, l-ammont ta' rekluti ġodda kien ta' **40** biex, sal-aħħar tal-2019, l-għadd ta' impjegati laħħaq **404**, komparat ma 387 fi tmiem l-2018. **24%** tal-impjegati tad-Dwana llum huma nisa, meta fl-2018 il-persentaġġ kien 21%.

Sadanittant, aktar impjegati komplew itemmu b'suċċess l-istudji tagħhom biex, sa l-aħħar tas-sena, id-Dipartiment kellu **15%** tal-uffiċjali tiegħu jirċievu *allowance* għal kwalifiki li rċevew (fl-livell ta' Diploma jew Degree). Dan meta l-persentaġġ fl-2018 kien 14%.

***Grafika Nru. 1 – Capacity Building***



## *2.2 Finanzi - Ġbir ta' Erarju*

Il-ġbir totali ta' taxxi f'dan il-perjodu minn attivitajiet doganali kien ta' **€336,297,485**, żieda ta €19.75 miljun fuq l-2018. Magħhom wieħed irid iżid l-ammont ta' **€144,473,664** li huma ammonti miġbura mid-Dwana bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) fuq l-importazzjoni għan-nom tal-Kummissarju tat-Taxxi, żieda ta' €13.64 miljun fuq l-2018.

B'hekk, l-ammont ta' erarju iġġenerat mill-ħidma tad-Dwana ammonta għal **€480,771,149,** żieda ta' €33.37 miljun fuq 2018.

### *2.2.1 Dazju ta' Importazzjoni*

Il-ġbir li sar mid-dazji tal-importazzjoni, magħrufa wkoll bħala Riżorsi Proprji Tradizzjonali (RPT), għas-sena 2019 kien ta' **€18,235,968**, żieda ta' €4.60 miljun fuq 2018.

### *2.2.2 Dazju tas-Sisa*

Mis-Sisa, fl-2019, id-Dipartiment ġabar **€313,887,191**, żieda ta' €15.37 miljun fuq 2018.

### *2.2.3 Dħul ieħor*

Dħul ieħor, minn liċenzji, multi, ħlasijiet amministrattivi, taxxi fuq attività tal-bunkering, renta fuq il-magazzinaġġ, irkantijiet eċċ kien ta' **€4,174,326** għas-sena 2019, tnaqqis ta' €0.25 miljun fuq 2018.

*Grafika Nru. 2 – Revenue collected & Seizures*




## *2.3 Finanzi - Procurement*

Matul l-2019, id-Dipartiment ikkommetta total ta' 3,320 Ordni għal Xiri Lokali (LPO) u nħarġu erba' *tenders,* waħda fuq xiri ta' *tilt and slide truck* għall-i*Scanning Unit,* oħra fuq xiri ta' *xray luggage van* għall- i*Scanning Unit* ukoll*,* waħda għal provvediment ta' sistema ta' *fire fighting* għall-*Groupage Complex* f'Ħal Far u l-aħħar waħda għall-bini *turnkey* ta' *Canine Compund* f'Ħal Far.

## 3. Direttorat għall-Affarijiet Internazzjonali u *Policy* (*International Affairs & Policy*)

Id-Direttorat tal-*International Affairs and Policy* fi ħdan id-Dipartiment tad-Dwana jinkorpora fih l-*International Affairs Unit*, l-*EU Affairs Unit,* l-i*Strategic Trade & Sanctions Monitorong Unit* u l-*Customs Training Unit*.

### *3.1 Ħidma Internazzjonali u Ewropeja*

Fil ħidma tiegħu, id-Direttorat:

- żamm kuntatt dirett mad-Direttorat tal-Affarijiet Ewropej tal-Ministeru ghall Finanzi, dak tal-Ministeru ghall-Affarijiet Ewropej u l-Ugwaljanza, kif ukoll mar-Rappresentanza Permanenti ta' Malta fl-Unjoni Ewropeja (UE);
- ikkordina kummenti fuq dokumenti u risposti għall-mistoqsijiet li jsiru mill-Kummissjoni Ewropeja (KE) jew il-Kunsill tal-UE;
- kompla x-xogħol fuq l-eżercizzju ta' awdittjar dwar it-*Traditional Own Resources* li sar mid-Direttorat tal-Baġit fi ħdan il-KE fl-2018;
- ġabar statistika kull tlett xhur li tintbaghat lill-KE;
- amministra l-*Customs 2020 Programme* tal-KE, billi kkordina 345 laqgħa, b'parteċipazzjoni ta' 464 parteċipant mid-Dwana Maltija;
- kompla bix-xogħol marbut mal-introduzzjoni ta' proposti ġodda ta' leġislazzjoni fuq bażi Ewropeja, b'mod partikolari proposta għall-finanzjament ta' apparat għad-Dwaniet kif ukoll dak li jikkonċerna il-programm ta' ħidma tal-Unjoni Doganali bejn l-2021 u l-2027;
- ikkordina ż-żjarat li kellhom f'Malta ta' Dr Kunio Mikuriya, Segretarju Ġenerali tal-WCO, u Michel Barnier, in-negozjatur ewlieni tal-UE dwar BREXIT;
- intensifika l-ħidma relatata ma' BREXIT; kif ukoll laqaghat u diskussjonijiet bi preparazzjoni ghal istess BREXIT;
- organizza diversi laqgħat mar-rappreżentanti tan-negozju, burdnara u kumpaniji tal-ġarr tal-merkanzija biex ikunu nfurmati bl-izviluppi u xi jkun mistenni minnhom wara BREXIT;
- ħa ħsieb li jaghti l-kontribut tiegħu fil-*Council Working Party on Customs Union*;
- ħa ħsieb ix-xoghol assocjat mal-World Bank, il-World Customs Organisation u organizzazjonijiet internazzjonali; u
- ġie evalwat u adottat il-programm ta' tahrig 'Click' tal-WCO biex jingħata lill-ħaddiema tad-Dwana ta' Malta.

### *3.2 Strategic Trade & Sanctions Monitorong Unit (STSMU)*

Fl-2019, in-*Non Proliferation Unit* inbidlilha isimha għal-*Strategic Trade & Sanctions Monitoring Unit*, biex jġi rifless aktar ix-xogħol ewlieni li twettaq din is-sezzjoni, dak li tinforza u tassigura konformita' mar-regoli fil-kummerċ fejn għandhom x'jaqsmu materjali, oġġetti u apparati sensittivi bħal dawk b'użu doppju, tixrid tal-armi, u armi għal-qerda tal-massa, prekursuri tagħhom u mezzi ta' twassil għalihom, kif ukoll li tiġġieled kontra t-terroriżmu partikularment dak nukleari.

Il-ħidma tal-STSMU kompliet tikkonċentra fuq l-infurzar tar-regolamenti dwar kontrolli tal-esportazzjoni, miżuri restrittivi tal-UE u sanzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti, ki imposti fuq għadd ta' pajjiżi, u fuq *non-state actors* bħal organizzazzjonijiet terroristiċi, b'attenzjoni partikulari fuq kummerċ minn u lejn is-Sirja, il-Libja u r-Russja minhabba restrizzjonijiet imposti.

Ġie eżerċitat skrutinju kontinwu għal kummerċ ta' oġġetti relatati ma' tbaħħir (outboard motors/dingies, eċċ...) destinati lejn il-Libya, b'konessjoni mal-provedimenti tal-Council Regulation (EU) 2017/1325 li jikkonċernaw il-faċilitazzjoni tat-traffikar ta' immigranti. Wara r-riżultati pożittivi

tas-snin preċedenti, matul l-2019 ma rriżultawx tentattivi biex jgħaddu dan it-tip ta' kummerċ minn Malta, ħlief għal talba waħda, li sa issa għada ma ġietx approvata mill-awtoritajiet kompetenti.

Matul l-2019, interventi mill-STSMU li ġew riferuti lid-*Directorate for Trade Services & Projects* (DTSP), l-awtorita' kompetenti, wasslu għal għaxar applikazzjonijiet għall-liċenzja għall-esportazzjoni li ġew approvati. Żewġ kunsinni mill-2018 u tnejn oħra mill-2019, għadhom miżmuma sa kemm tinħarġilhom liċenzja jew skont kif ikun deċiż. Ħames kunsinni indirizzati lejn Stati Membri tal-UE riferuti lid-DTSP ġew approvati għar-rilaxx mingħajr il-bżonn ta' ħrug ta' linċenzja wara l-verifiki neċessarji, mill-istess DTSP. Każ riferut lis-Sanctions Monitoring Board (SMB) minħabba li l-kunsinnatarju kien sinonimu għal individwu imniżżel fis-sanzjonijiet internazzjonali, ġie rilaxxat wara l-verifiki neċessarji. Kunsinna fi trażbord riferuta lis-SMB, għada qed tiġi miżmuma sakemm jinħarġu direzzjonijiet ulterjuri.

### *3.3 Customs Training Unit*

Il-*Customs Training Unit* organizzat 124 kors imferrxa fuq 950 siegħa u li koprew 29 suġġett fuq 114 il-sezzjoni. Dawn ittrattaw diversi prattiċi operattivi u procedurali tad-Dwana doganali. Total ta' 1,653 partecipant attendew dawn il-korsijiet. 80% kienu ħaddiema tad-Dipartiment u l-20% l-oħra kienu klijenti tad-Dipartiment mis-settur privat.

Din-is-sezzjoni ukoll nediet *training needs analysis* bi preparazzjoni għall-2020, li wassal għall-pubblikazzjoni ta' *Training Prospectus*.

*Grafika Nru. 3 - Korsijiet provduti fl-2019*



## 4. Direttorat għas-Sisa (*Excise*)

Dan id-Direttorat, li huwa l-aktar direttorat li jiġġenera erarju għall-Gvern, jaqgħu taħt id-direzzjoni tiegħu 8 uffiċċji: *Tobacco Products Unit, Alcohol Beverages Unit, Energy Products Unit, Non-Harmonised Goods Unit, Central Excise Liaison Office, Excise Rebates' Processing Office, Customs Warehousing Unit* u *Auctions' Section.*

### 4.1 Prodotti ta' Enerġija

L-*Energy Products Unit* tikkontrolla l-iżbark, l-importazzjoni u rilaxx ta' kwalunkwe tip ta' *fuel,* gass u żjut lubrikanti, sew dawk intenzjonati għall-uzu fis-suq lokali, kif ukoll għall-esportazzjoni, u tiġbor it-taxxa dovuta, li tinkludi dazju ta' importazzjoni, dazju tas-sisa, VAT u *bunker tax*. L-ammont ta' taxxa miġbur mis-sezzjoni fl-2019 kien ta' **€166,079,922.** Hawn taħt tidher statistika ta' xi wħud mill-aktar prodotti tal-enerġija li ġew ikkunsmati fl-2019 u l-ammont ta' Taxxa tas–Sisa li ġiet miġbura minn fuqhom:

***Grafika Nru. 4 – Prodotti tal-Enerġija***

| | Heating Diesel (rebated) | Heating Diesel (full) | EN 590 Diesel | GASOIL 0.1 |
|---|---|---|---|---|
| Total litri kkunsmati | 2,865,262 | 9,729,631 | 197,865,399 | 2,115,192 |
| Total Sisa | €664,741 | €4,596,278 | €93,471,614 | €999,217 |

| | Ahmar bin N/M | Ahdar bin N/M | Unleaded Petrol |
|---|---|---|---|
| Total Litri (sales ) | 13,301,751 | 12,010,488 | 112,972,695 |
| Total Sisa | €6,283,747 | €5,673,755 | €57,887,209 |

### 4.2 Prodotti tat-Tabakk

It-*Tobacco Products Unit* tikkontrolla l-iżbark, l-importazzjoni u rilaxx ta' kwalunkwe tip ta' tabakk, sew dak intenzjonat għall-uzu fis-suq lokali, kif ukoll għall-esportazzjoni, u tiġbor it-taxxa dovuta, li tinkludi dazju ta' importazzjoni, dazju tas-sisa u VAT. L-ammont ta' taxxa miġbur mis-sezzjoni fl-2019 kien ta' **€118,705,281**, kif ġej**:**

***Grafika Nru. 5 – prodotti tat-Tabakk***

| **Prodott** | **2019** | **2018** | **Differenza** |
|---|---|---|---|
| Sigaretti | €111,201,468 | €110,923,334 | €278,134 |
| Tabakk tal-Brim | €6,745,707 | €5,310,696 | €1,435,011 |
| Tabakk tal-Pipa | €77,843 | €95,585 | (€17,742) |
| Sigarri | €680,263 | €623,198 | €57,065 |
| Total Globali | €118,705,281 | €116,952,813 | €1,752,468 |

### *4.3 Prodotti tal-Alkoħol*

L-*Alcohol Beverages Unit* tikkontrolla l-iżbark, l-importazzjoni u rilaxx ta' prodotti tal-alkoħol, sew dawk intenzjonat għall-użu fis-suq lokali, kif ukoll għall-esportazzjoni, u tiġbor it-taxxa dovuta, li tinkludi dazju ta' importazzjoni, dazju tas-sisa u VAT.

L-ammont ta' taxxa miġbur mis-sezzjoni fl-2019 kien ta' **€14,779,470.**

### *4.4 Prodotti Non-Armonizzati*

In-*Non-Harmonised Goods Unit* tikkontrolla l-iżbark, l-importazzjoni u rilaxx ta' prodotti mhux arminizzati, bħal siment, komponenti tal-kostruzzjoni, madum, ħġieġ, xarbiet non-alkoħoliċi, ilma bbottiljat, boroz tal-plastik, *tyres*, *chewing gum*, *toiletries* u servizz ta' telefonija ċellulari, u tiġbor id-dazju tas-sisa fuqhom.

L-ammont ta' taxxa miġbur mis-sezzjoni fl-2019 kien ta' **€30,385,032.**

### *4.5 Rifużjoni tas-Sisa*

L-*Excise Rebates' Processing Office* jieħu ħsieb li jipproċessa talbiet ta' parti, jew rifużjoni totali, tad-Dazju tas-Sisa li tkun tħallset fuq karburanti kkunsmati minn inġenji tal-baħar, kif ukoll minn vetturi ta' Missjonijiet Diplomatiċi u Organizzazzjonijiet Internazzjonali stabbiliti Malta.

Matul l-2019, Missjonijiet Diplomatiċi kif ukoll Organizzazzjonijiet Internazzjonali f'Malta ġew rifużi l-ammont ta' **€47,264** f'Dazju tas-Sisa lura fuq kurburanti li xtraw għall-użu tagħhom.

It-total ta' litri netti li fuqhom ħarġet rifużjoni mill-Operaturi Ekonomici jammonta għal **11,533,423** litri. Fuq dan l-ammont it-total ta' taxxa li ġiet rifuża kien jammonta għal **€4,508,201.**

Matul l-istess perjodu, id-Direttorat ipproċessa **64** talba ta' rifużjoni li saru minn Operaturi Ekonomiċi fuq *diesel* jew *gas oil* li ntuża fuq l-inġenji tal-baħar f'attivitajiet kummerċjali kif deskritt fir-Raba' Skeda ta' l-Att dwar id-Dazju tas-Sisa Kap 382. Ġew ipproċessati wkoll **204** talbiet ta' rifużjoni fuq *Heating Gas Oil*. Dawn it-talbiet saru kemm minn Operaturi Ekonomiċi, bħal lukandi u fabbriki, kif ukoll minn azjendi oħra. Saru wkoll talbiet minn djar privati.

It-total ta' litri netti li fuqhom ħarġet rifużjoni lill-Operaturi Ekonomiċi u djar privati jammonta għal **4,150,571** litri. Fuq dan l-ammont it-total ta' taxxa li ġiet rifuża kien jammonta għal **€997,206.**

## 5. Direttorat għall-Osservanza u Sistemi (*Compliance & Systems*)

Dan id-Direttorat huwa magħmul minn 13-il uffiċċju, li l-ħidma tagħhom tiffoka fuq proċessi, ħatt u rilaxx ta' merkanzija u sistemi tal-kompjuter u l-informazzjoni teknoloġika.

It-13-il uffiċċju huma: il-*Customer Services; Special Procedures Unit; Valuation Office; Binding Tariff Information Unit; Customs Verification Unit; Customs Express Freight Office; Airfreight Section; Containers & Groupage Unit; Parcel Post Office; Laboratory Wharf; Freeport, Computer Section* u *IT Centre.*

### *5.1 Authorised Economic Operators*

Dan id-Direttorat huwa responsabbli wkoll mill-Kumitat li jilqa' applikazzjonijiet u jimmoniterja l-operatori ekonomiċi awtorizzati (AEOs). Kull min japplika u jilħaq il-kriterji ta' dan il-programm ikun jista' jgawdi minn simplifikazzjonijiet filwaqt li jiġi ristrett għal ammont imnaqqas jew dispensa mill-garanziji. Matul l-2019, il-kumpanija Keuhne & Nagel laħqet dawn il-kriterji u llum hija waħda minn sbatax-il operatur ekonomiku b'dan iċ-ċertifikat rikonoxxut internazzjonalment.

## *5.2 Business 1st*

Matul l-2019, id-Dipartiment beda jkollu r-rappreżentanti tiegħu minn uffiċjali ta' dan id-direttorat, kull nhar ta' Ħamis, fil-*Business First,* filwaqt li ssokktaw id-diskussjonijet biex il-preżenza tad-Dipartiment f'dan il-*One-Stop-Shop* tkompli tissaħħaħ.

## *5.3 Statistika*

Dawn it-tabelli t'hawn taħt juru n-numru ta' dikjarazzjonijiet li daħlu fis-sistema tal-importazzjoni (137,177) u l-esportazzjoni (9,492). Dan juri żieda ta' 6,584 dikjarazzjoni tal-importazzjoni u tnaqqis ta' 1,768 ta' dikjarazzjonijiet tal-esportazzjoni meta mqabbel mas-sena preċedenti.

Tindika wkoll in-numru u l-persentaġġi ta' dawk magħżula għal spezzjoni (riskju aħmar), merkanzija li ġiet irrillaxxata mmedjatament (risku aħdar) u dokumenti li ġew ipproċessati qabel ma finalment ġie deċiż jekk il-merkanzija għandiex tiġi rrilaxxata mmedjatament jew issir spezzjoni (riskju isfar).

*Grafika Nru. 6 – Import Declarations*

| **Dikjarazzjonijiet fis-sistema tal-Importazzjoni** | |
|---|---|
| Riskju | Nru. ta' dikjarazzjonijiet |
| Aħmar | 27,580 |
| Aħdar | 104,599 |
| Isfar | 4,998 |
| **Total** | **137,177** |




Mid-dikjarazzjonijiet magħżula għall-ipproċessar qabel ir-rilaxx (4,998), 3,698 ġew immedjatament rilaxxati, filwaqt li 1,300 konsenja intbgħatet għall-ispezzjoni.

*Grafika Nru. 7 – Outcome of Yellow Declarations*




*Grafika Nru. 8 – Export Declarations*

| Dikjarazzjonijiet fis-sistema tal-Esportazzjoni | |
|---|---|
| Riskju | Nru. ta' dikjarazzjonijiet |
| Aħmar | 3,614 |
| Aħdar | 19,547 |
| **Total** | **23,161** |




## 6. Direttorat tal-Infurzar (*Enforcement*)

Id-Direttorat tal-Infurzar għandu funzjoni li titwessa' minn fuq il-fruntiera għal ġewwa s-suq intern. Il-funzjonijiet prinċipali tat-taqsima tal-kontroll fuq il-fruntiera jinkludu spedizzjonijiet 'l ġewwa u 'l barra ta' bastimenti, jottijiet, ajruplani u passiġġieri, kif ukoll kontroll fuq ġarr ta' provvisti lejn bastimenti barra l-portijiet. Tinżamm sorveljanza fuq l-art u l-baħar f'żoni li jaqgħu taħt id-Dwana. Fl-ajruport, minbarra kontrolli fuq oġġetti mal-wasla ta' passiġġieri, isiru spezzjonijiet fuq il-ħatt u tagħbija ta' merkanzija.

Dan id-Direttorat huwa magħmul minn 11-il uffiċċju, li huma: is-*Seaport Office; Malta International Airport; Customs Intelligence Services; Risk Management Unit; Container Monitoring Unit; Scanning Unit; Customs Audit Section; Enforcement Unit; Anti Money Laundering Team; Intellectual Property Rights Unit* u *Legal Office.*

### 6.1 Attivita' fil-portijiet u l-ajruport

#### 6.1.1 Port

Fl-2019, fil-portijiet Maltin waslu **3,126** bastiment u **317**-il jott mill-UE u **3,874** bastiment u **116**-il jott minn barra l-UE. Ġew spediti lejn l-UE **6,190** bastiment u **179** jott, filwaqt li 'l barra mill-UE ġew spediti **2,183** bastiment u **86** jott.

L-ammont ta' passiġġieri bil-baħar kien **419,777** (wasliet), **383,667** (ħruġ) u **506,412** (tranżitu).

L-ammont ta' karozzi akkumpanjati minn sidhom kien **33,448** (dħul) u **31,161** (ħruġ).

Dikjarazzjonijiet ta' movimenti ta' flus fil-portijiet kien hemm **12**.

#### 6.1.2 Ajruport

Fl-2019, fl-ajruport waslu **5,073** titjira minn barra l-UE u l-ammont ta' passiġġieri li ġarrew kien **512,258** (dħul), **1,399** (dħul fi tranżitu), **467,099** (tluq) u **2,296** (tluq fi tranżitu).

Kien hemm **629** qabdiet ta' prodotti b'oriġini minn annimali, **6,852** talba għal rifużjoni tal-VAT u **445** kontroll fuq passiġġieri dwar movement tal-flus.

### 6.2 Intelliġenza u Analiżi tar-Riskju

F'dan il-qasam, id-Dwana tagħmel analiżi tal-manifesti tal-passiġieri tal-ajru u tal-baħar, u tal-merkanzija kollha bil-għan li tipprevjeni evażjoni ta' taxxa u biex tikkumbatti l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' merkanzija illeċita` jew ristretta.

Fl-2019, inħarġu **218**-il avviż ta' intelliġenza, li minnhom **83** irriżultaw fil-pożittiv. Matul dan il-perjodu, is-sezzjoni bdiet tikkoordina l-pjan ta' ħidma ta' diversi sezzjonijiet fid-Direttorat tal-Infurzar bil-għan li jkun hemm użu aktar effiċċjenti u effettiv tar-riżorsi.

Sar ukoll eżerċizzju estensiv ta' reviżjoni tal-profili fis-sistema. Dan wassal biex inħolqu **392** profil ġdid relatati ma' importazzjoni, filwaqt li ġew di-attivati **301**. A Bażi ta' dawn il-profili is-sistema għażlet **1,077** dikjarazzjoni biex jiġu kkontrollati u eżaminati b'mod fiżiku. Ġew ikkkrejati wkoll **33** profil fis-sistema tal-esportazzjoni, **5** ġew di-attivati, filwaqt li **10** dikjarazzjonijiet intgħażlu għall-kontroll.

### 6.3 Infurzar

It-taqsima għandha firxa wiesgħa ta' funzjonijiet li, minbarra kontrolli fuq il-fruntiera, jinkludu spezzjonijiet fis-suq u investigazzjonijiet.

Dmirijiet oħra li jaqgħu taħt ir-responsabbilta' ta' din is-sezzjoni jinkludu spezzjonijiet f'postijiet kummerċjali fit-teritorju Malti, li jinkludu ħwienet u swieq fil-miftuħ, għal prodotti ta' tabakk, alkoħol u prodotti ta' żjut, kif ukoll prodotti oħra li mhumiex armonizzati izda huma suġġetti għal ħlas tas-sisa. Din it-taqsima tassisti wkoll entitajiet u dipartimenti oħra bi spezzjonijiet ta' merkanzija li tasal Malta, ġeneralment bil-baħar f'kontejners. Ikun hemm każi meta dan l-eżerċizzju jkun parti minn operazzjoni konġunta ma' entitajiet minn pajjiżi Ewropej kif ukoll pajjiżi terzi.

### 6.4 Skwadra Kontra l-Ħasil tal-Flus

Fl-ajruport kien hemm **649** dikjarazzjoni ta' moviment ta' flus, li kumplessivament bejniethom jammontaw għal **€27,458,884.**

Kien hemm **66** każ ta' movimenti ta' flus li inqabdu jiġu movimentati mingħajr ma' għamlu dikjarazzjoni lid-Dwana. Kumplessivament bejniethom jammontaw għal **€1,547,116.**

*Grafika Nru. 9 – Cash controls*

| Ammont ta' flus dikjarati (Intra-EU) | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Dħul | | Ħruġ | | Total | |
| Ammont | € | Ammont | € | Ammont | € |
| 26 | 1,294,323 | 202 | 6,199,805 | 228 | 7,494,128 |
| **Ammont ta' flus dikjarati (Non-EU)** | | | | | |
| Dħul | | Ħruġ | | Total | |
| Ammont | € | Ammont | € | Ammont | € |
| 81 | 2,627,616 | 340 | 17,337,140 | 421 | 19,964,756 |
| | | | | 649 | 27,458,884 |

| Ammont ta' flus mhux dikjarati (Intra-EU) | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Dħul | | Ħruġ | | Total | |
| Ammont | € | Ammont | € | Ammont | € |
| 4 | 59,532 | 1 | 14,090 | 5 | 73,622 |
| **Ammont ta' flus mhux dikjarati (Non-EU)** | | | | | |
| Dħul | | Ħruġ | | Total | |
| Ammont | € | Ammont | € | Ammont | € |
| 13 | 213,898 | 48 | 1,259,596 | 61 | 1,473,494 |
| | | | | 66 | 1,547,116 |

## *6.5 Moniteraġġ tal-kontejners u scanning*

Fil-Port Ħieles inħattew **772,212** kontejner ta' trażbord, u li minnhom **8,931** għaddew mill-proċess ta' *X-ray scanning*. **1,952** minn dawn l-istess kontejners ġew eżaminati b'mod fiżiku u **61** minnhom taw riżultati pożittivi u ġew konfiskati. Fost dawn insibu:

- **2** kontejners mimlijin b'sigaretti tal-kutrabandu u/jew kontrafatti;
- **750 kilo** droga kokaina elevata minn **16-**il kontejner;
- **2** kontejners oħra nstabu li kellhom pilloli Tramadol; u
- **41** kontejner kienu mimlijin b'merkanzija kontrafatta.

It-tabella t'hawn taħt tagħti spjegazzjoni taċ-ċifri msemmija filwaqt li tikkompara mal-istatistika tal-2018.

*Grafika Nru. 10 – Cash controls*

| YR | Vessels Reviewed | Transhipment Units discharged | | | Selected | Scanned | | | Examined | Rel'd | Seized |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Total | Full | Empty | | Domestic | T/shipment | Alongside | | | |
| 2018 | 2085 | 969392 | 711762 | 257630 | 7561 | 911 | 7723 | - | 1293 | 1322 | 42 |
| 2019 | 1660 | 772212 | 569205 | 200501 | 8931 | 1745 | 8559 | 5329 | 1952 | 1918 | 61 |

Din is-sezzjoni għaddiet ukoll informazzjoni lil Dwaniet oħra Ewropej u li wassal biex jitwaqqfu numru ta' kontejners li kienu qegħdin iġorru merkanzija illeċita. Każ partikolari kien meta din is-sezzjoni infurmat lid-Dwana Spanjola dwar bidla fid-destinazzjoni ta' 4 kontejnes destinati għall-

Alġerija. L-ispeditur u l-konsenjant ta' dawn il-kontejners, li kellhom ikunu trasbordati f'Barċellona, kienu magħrufa magħna rigward każi preċedenti ta' IPR. Minn spezzjonijiet li għamlet id-Dwana Spanjola irriżulta li dawn il- kontejners kienu qed iġorru prodotti foloz tal-marki ADIDAS, REEBOK, NIKE, ASICS u LOUIS VUITTON.

### *6.6 Statistika*

Id-Direttorat tal-infurzar kien determinanti biex, fost oħrajn, fl-2019 inkisbu dawn il-qabdiet sinifikanti:

- 17.1 tunnellati ta' droga;
- €1,547,116 flus mhux iddikjarati;
- 47 miljun sigarett tal-kuntrabandu; u
- 47.75 miljun oġġett kontrafatt.

### *6.7 Uffiċċju Legali*

Fl-2019, l-Uffiċċju legali ħareġ **462** nota ta' qbid (seizure notes), kollha ffirmati mid-Direttur Generali (Dwana).

Fil-Qorti, dan l-uffiċċju kellu xjtaqsam ma' **45** kawza ċivili, mifruxa fuq **155** u **154** kawża kriminali, mifruxa fuq **456** seduta.

L-Istaff ta' din is-sezzjoni, barra li segwew il-każijiet kollha, assistew lill-Avukat Ġenerali u lil-Prosekuzzjoni waqt dawn il-kawżi ċivili u kriminali hawn fuq imsemmija.

Multi li ġew imposti minn 3 kawzi kriminali jammontaw għal **€211,964**, li parti minn din is-somma kienet iddikjarata bħala dejn ċivili pagabbli lid-Dwana. F'3 kawżi kriminali, apparti ksur tal-ligi tad-Dwana, ġew ukoll misjuba ħatja ta' ksur ta' liġijiet ohra. Il-multi li ġew imposti relatati ma' dawn il-liġijiet oħra, jammontaw għal **€5,800.**

Multi li jammontaw għal **€197,042** ġew miġbura minn **103** arranġament ta' ftehim minnflok proċediment fil-Qorti.

## 7 Konklużjoni

L-2019 kienet sena oħra straordinarja għad-Dipartiment tad-Dwana. Id-Dipartiment tad-Dwana jibqa' riżolut li jkompli jżid l-isforzi tiegħu biex jiżdied aktar l-investiment, jiżdiedu l-għodda, jiżdied it-taħriġ u tiżdied ir-rieda, u l-impenn, għal aktar suċċessi.

Joseph Chetcuti
Direttur Ġenerali (Dwana)